# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta tal-lum it-Tlieta, 12 ta' Frar 2019**

**Kawza Numru : 16**
**Rikors Guramentat Numru : 8/2019/LSO**

**Stanislaus Agius ID 413479M**

**vs**

**Francis Agius u martu Yvonne Agius**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Stanislaus Agius ID 413479M datat 8 ta' Jannar 2019 fejn bil-gurament tieghu kkonferma:-

Illi l-attur huwa proprjetarju tal-ghalqa u giebja li jinsabu fi Triq il-Blajjiet Zonfor Marsascala liema ghalqa hija ta' kejl superficjali ta' circa sitt mija u erbghin metri kwadri (640m$^2$) u konfinanti mix-Xlokk ma' Triq il-Blajjiet, mil-Lbic ma' beni ta' Francis Agius u mil-Grigal mal-moghdija aktar ‘il quddiem imsemmija u dan kif jirrizulta mil-kuntratt tal-akkwist tieghu tat-13 ta' April 2018 fl-atti tan-Nutar Francesca Shwalbe (nee Spiteri Maempel) kopja annessa u markata Dok A.

Illi l-konvenuti qeghdin jokkupaw din l-ghalqa u giebja minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

Illi *nonostante* li kienu gew interpellati diversi drabi l-konvenuti kienu baqghu jokkupaw il-proprjeta` sucitata tal-attur. Kopja legali tal-ittra ufficjali Dok B;

Illi *ai termini* tal-artikolu 167 u 170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili l-attur qed jiddikjara li fil-fehma tieghu l-konvenuti ma ghandhomx eccezzjonijiet jaghtu kontra t-talbiet attrici.

Illi l-esponenti qed jipprezenta l-affidavit tieghu hawn anness u markat Dok C.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett sabiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddeciedi t-talba billi tilqa' t-talbiet attrici bid-dispensa tas-smigh u bl-abbrevjazzjoni tat-termini a tenur tal-artikolu 167 et tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Tiddikjara li l-konvenuti qeghdin jokkupaw l-ghalqa u giebja li jinsabu fi Triq il-Blajjiet Zonfor Marsascala haw fuq deskritta abbuzivament u minghajr titolu validu fil-ligi;

3. Tordna l-izgumbrament immedjata tal-konventi mill-ghalqa u giebja in kwistjoni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-12 ta' Frar 2019.

Rat li minkejja li l-intimati gew notifikati bl-avviz ta' smigh fl-ewwel (1) ta' Frar 2019 kif jidher *a tergo* ta' fol 16 baqghu ma pprezentaw l-ebda risposta.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Frar 2019 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Roberta Spiteri ghall-konvenuti.

Deher l-attur.

Il-kawza giet posposta.

Meta regghet issejhet il-kawza dehret Dr Anna Mallia ghall-attur prezenti fl-Awla.

Deher il-konvenut assistit minn Dr Roberta Spiteri.

INGHATAT SENTENZA:

Il-Qorti,

Semghet lid-difensuri tal-partijiet.

Billi l-konvenut ma weriex lanqas fuq bazi 'prima facie' li ghandu titolu jew pretensjoni biex iressaq in kontestazzjoni tat-talbiet tar-rikorrent;

Wara li rat l-Art 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta tilqa' t-talbiet tar-rikorrent kif dedotti u *ai fini* tat-tielet talba tordna l-izgumbrament tal-konvenuti mill-ghalqa u giebja mertu tal-kawza fi zmien xahar mil-lum.

L-ispejjez jithallsu mill-intimati.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**12 ta’ Frar 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**12 ta’ Frar 2019**